Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2007

Numru. 623/2005

**Illum 16 ta` Novembru, 2007**

**Il-Pulizija**
**Spettur Carmelo Abdilla**

**vs**

**Omar Pisani**

Il-Qorti:

Rat li l-imputat Omar Pisani iben Emanuel u Grace nee` Camilleri imwielda Pieta` fit-8 ta` Frar, 1982 u residenti Blk 3, Flat 4, Triq Betta, Tarxien u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 125882 (M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli b`diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zmienijiet differenti, li jkunu kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b`rizoluzzjoni wahda l-imputat ikkommetta s-segwenti reati:

1. Nhar id-19 ta` Gunju, 2005 bejn it-3.00 am u it-3.30 ta` filghodu waqt li kien gewwa l-istabblimenti Going Places fi Triq Ball, San Giljan, huwa kkommetta serq ta` handbag, accessorji ohra u telefon cellulari ad-detriment ta` Caroline Attard mill-Iklin, liema serq huwa aggravat bil-hin u dan ai termini tal-Artikolu 261 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

2. U aktar talli ikkometta reat fil-perjodu operativ tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti preseduta mill-Magistrat Dr. G. Grixti LL.D. nhar it-13 ta` Gunju, 2005 liema sentenza saret definittiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Lulju 2005 (Dok. JA 2 a fol. 19 tal-process) sabiex fin-nuqqas ta’ oggezzjoni da parti tal-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar l-1 ta’ Novembru, 2007 *ai termini* ta’ l-artikoli 370 (4), 390 (1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-1 ta’ Novembru 2007 ghall-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kapitlu 9 u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-

konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u huwa inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, kif ukoll il-fatt li l-imputat ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet l-fatt li r-refurtiva giet ritornata lid-dereurbat u l-fatt li fid-data li l-imputat ikkommetta r-eat de quo huwa kellu problemi konnessi mal-abbuz mid-droga izda llum il-gurnata jirizulta li huwa ttermina b’success program residenzjali sabiex jeghleb din il-problema. In vista ta dan kollu l-Qorti jidrilha li l-imputat ghandu jinghata l-ahhar opportunita’ sabiex jirriforma ruhu u jaqbad it-triq it-tajba.

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 270, 281(a) 28A u 28B (2) tal-Kap. 9 tal-Ligjiet ta’ Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah ghal sena (1) prigunerija sospizi ghal erba’ snin millum, filwaqt li tordna li s-sentenza sospiza tat-13 ta’ Gunju 2005 tigi estiza ghal erba’ snin millum.

Il-Qorti tiddkjara ghal kull buon fini illi hija spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------